# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Ottubru, 2019.**

**Numru 9**

**Rikors numru 900/08AE**

**Middlesea Insurance p.l.c. (C – 5553) u b'Nota tat-28 ta' Ġunju, 2018[1], isem il-kumpannija inbidel għal Mapfre Middlesea p.l.c.**

**v.**

**Raymond Avallone**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-intimat minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Novembru, 2013, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata"), li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti ikkundannat lill-istess intimat (minn issa 'l hemm

[1] Paġ. 144 tal-proċess

imsejjaħ "l-appellant") iħallas lill-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "Mapfre") s-somma ta' ħdax-il elf tliet mija u sittax-il euro u ħamsa u tletin ċenteżmi (€ 11,316.35) bħala somma kapitali u kif ukoll is-somma ta' tlitt elef ħames mija u tmienja u sittin euro u seba' ċenteżmi (€ 3,568.07) bħala mgħax sal-31 ta' Lulju, 2008, flimkien mal-imgħax legali fuq il-kapital sal-jum tal-ħlas effettiv u wkoll l-ispejjeż tal-kawża;

2. Dik il-Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*Permezz ta' din il-kawza l-attrici qeghda titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' erbatax-il elf tmien mija u erba' u tmenin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€14,884.42), premia u boll fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga mill-kumpannija attrici favur il-konvenut u l-imghax sal-31 ta' Lulju 2008, bl-imghax mill-1 ta' Awwissu 2008, skond rendikont anness mal-att promotur.*
>
> *"Il-konvenut wiegeb li s-somma giet pacuta in toto jew in parte ma' diversi ammonti pagabbli mis-socjeta attrici lill-konvenut bhala konsegwenza ta' diversi claims maghmula fuq l-istess poloz ta' assikurazzjoni li nhargu mill-attrici, u kif ukoll bhala valur ta' xogholijiet ta' riparazzjonijiet li saru minnu.*
>
> *"Il-qorti semghet il-provi u t-trattazzjoni tad-difensuri.*
>
> *"Rat l-atti u taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-*
>
> *"1. Is-somma reklamata mill-attrici m'hijiex kontestata.*
> *"2. Il-konvenut qieghed isostni li l-hlas m'huwiex dovut ghaliex sehhet tpacija, tas-somma shiha jew ta' parti minnha. It-tpacija hu mod kif tispicca obbligazzjoni (Artikolu 1145 tal-Kodici Civili). Skond l-Artikolu 1197(1) tal-Kodici Civili:-*
>
>> *"It-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus, jew kwantita' determinata ta' hwejjeg fungibbli ta' l-istess speci, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu."*

*"Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Paul Abela nomine vs Paul Laferla nomine** tat-18 ta' Mejju 1953 (Volum XXXVII.i.490) osservat:-*

> *"Il-kompensazzjoni ssir ipso jure u anki minghajr ma jkunu jafu d-debituri, hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor safejn ikunu ndaqs[2].*
>
> *"Imma l-kompensazzjoni ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha ipso jure ghar-rigward ta' krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra.".*

*"L-istess qorti fil-kawza L-avukat **Dr Jose' Herrera nomine vs Victor Tabone nomine** deciza fit-2 ta' Novembru 1995 regghet ikkonfermat li fejn il-kreditu pretiz mill-konvenut hu kontestat u dwaru jkun hemm provi konfliggenti, m'huwiex cert u likwidu u lanqas determinat bhala dovut. Ghalhekk f'cirkostanzi simili ma tistax issir kompensazzjoni permezz ta' eccezzjoni. Fil-fatt l-Artikolu 396 tal-Kap. 12 jipprovdi li tista' ssir rikonvenzjoni:*

> *"(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha."*

*"Meta ssir kontro-talba biex jigi pacut il-kreditu li jkun talab l-attur, l-ghan taghha hu li l-konvenut jigi kanonizzat bhala kreditur tal-attur fis-somma pretiza mill-konvenut. B'dan il-mod il-konvenut jipprova jestingwi l-obbligazzjoni li jkollu fil-konfront tal-attur, sal-ammont li fih jigi kanonizzat kreditur tal-attur.*

*"Fil-kaz in ezami l-konvenut ma pproponiex kontro-talba.*

*"3. Irrizulta li kien hemm zmien meta l-konvenut kien jassigura l-vetturi tal-kiri proprjeta' tieghu mal-attrici, tramite intermedjarju. F'affidavit li pprezenta fis-17 ta' Gunju 2011 (fol. 31) huwa elenka l-hlas li ghandu jircievi minghand l-attrici. Dan jikkonsisti fi claims li qal li ghamel mal-attrici u li qatt ma thallsu minnha. B'kollox semma tmien claims, li qal li huma:-*

*"Lm800 jew Lm1000 li qal li kkalkola li nefaq fir-rigward tal-vettura AAK 918 bin-numru AAK918/1023. Il-konvenut ipprezenta kopja ta' survey li ddeskrivieh bhala provizorju (fol. 35). Qal li f'dak iz-zmien ma kienx insista ghall-hlas ghaliex Kenneth Mallia Milanes, ufficjal tal-kumpannija attrici, kien qallu li kien wasal it-tigdid tal-poloz u tah parir biex ma jissikkahx ghall-hlas.*

---

[2] Artikolu 1196(2) tal-Kodici Civili.

*"Claim li qal li fetah fl-2001 fuq il-vettura GAK 426. Spjega li l-vettura kienet issewwiet ghand Mark's Garage u pprezenta kopja ta' survey report (fol. 37). Ipprezenta wkoll dak li jidher li huwa kont ghax-xiri ta' parts (fol. 38) li pero' fih hafna ammonti neqsin. Qal li kien jikkalkola li l-ispiza kienet tilhaq ghal Lm1,000.*

*"Fl-2003 qal li kien hadem fuq vettura BBI 990, skond survey a fol. 40 minn fejn jirrizulta li l-ispejjez kienu ta' Lm670.70. Zied ighid li l-claim kienu ghamlu ma' Fenici Insurance Agency Limited u li jikkalkula li b'kollox nefaq Lm850-Lm900 "[….] billi s-surveys generalment ma jkunux jinkludu l-hsarat u l-ispejjez kollha." (fol. 33).*

*"Qal li fl-2004 kien sewwa l-vettura EEE 090 skond survey a fol. 41. Jikkalkola li l-ispiza kienet ta' Lm590 peress li fis-survey jinghad li l-ispiza hi ta' Lm415.33. Skond il-konvenut kien ghamel claim ma' Fenici Insurance Agency Limited. Spjega li certu Denise Condorato, impjegata tal-attrici, kienet semmietlu l-claim number 113/0231. Ighid li meta staqa dwar il-claims relatati mal-vetturi BBI 990 u EEE 090, kienu qalulu li kienu ghadu ma rcevewx l-inkartament minghand Fenici Insurance Agency Limited.*

*"Fl-istess sena qal li ghamel claim fuq il-vettura EBK 279, b'survey a fol. 43. Qal li t-tiswijiet swew Lm289.11 u pprezenta kont u ricevuta ghax-xiri ta' parts (fol. 44-45) kif ukoll survey report (fol. 46). Skond il-konvenut ghalkemm kien baghat il-kontijiet lill-attrici, baqa' ma thallasx.*

*"Fis-sena 2005 ghamel claim fuq il-vettura HBA 929 u hallas is-somma ta' Lm206.58 ghat-tiswija. F'dan ir-rigward ipprezenta kont ghax-xiri tal-parts. Zied ighid li kien hallas spejjez relatati ma' spray u panel beating, izda m'ghandux ir-ricevuti.*

*"Claim iehor kien fuq il-vettura Peugeot 206 (convertible), u qal li kien hallas il-parts fl-ammont ta' Lm136.42. Ipprezenta kont u ricevuta datati 16 ta' Novembru 2005 li jirrelataw dwar xiri ta' parts, u qal li dawn huma l-unici dokumenti li rnexxielu jsib. Fid-dokument m'hemm l-ebda dettalji tal-vettura.*

*"Isemmi wkoll claim fuq vettura RVK 129 u qal li kien ghamel claim mal-attrici. Zied ighid li kien hallas l-ispejjez kollha hu minghajr ma qal x'inhuma.*

*"Id-diffikulta' li ghandha l-qorti hi li:-*

*"i. Hemm biss il-kelma tal-konvenut li saru dawk il-claims kollha li semma fl-affidavit. Pero' ma pprezenta l-ebda dokument li jikkorabora l-verzjoni li ta.*
*"ii. Irrizulta li fuq il-vettura AAK 918 kienet saret claim mill-konvenut. Madankollu kienet giet irtirata. Dwar dan xehed Keith*

*Mallia Milanes, impjegat tal-attrici, li pprezenta kopja ta' dikjarazzjoni tal-konvenut datata 12 ta' Jannar 2005 fejn jinghad: "I will not be claiming damages with regards to an accident that occurred on 14 August 2003 in Gzira with Hyundai bearing registration number AAK 918. In this regard I authorize Bonnici Insurance Agency Ltd to withdraw their file number 0951" (fol. 83). Fatt li l-konvenut ikkonferma biss meta sarlu l-kontro-ezami.*

*"iii. Fir-rigward tal-vettura GAK 426, minn email datata 27 ta' April 2003 (fol. 89) jidher li l-vettura kienet assigurata mal-attrici (fol. 89). Fid-dokument jinghad: "The above mentioned vehicles were involved in two separate accidents way back in April 2001. To date we have not received survey instructions. In this regard I shall be closing both files.". Ma rrizultax x'gara wara. L-email kienet intbaghatet lil John Tortell, ufficjal ta' Jetco Insurance Brokers Limited, li ghamlet zmien taghmel placement ta' poloz, ghan-nom tal-konvenut, ma' Bonnici Insurance Agency Limited. Ghalkemm Tortell xehed fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2013, ma ta l-ebda dettalji (fol. 103)[3].*

*"iv. M'hemmx certezza dwar ic-cifri li l-konvenut jippretendi li kellu dritt jirkupra minghand l-attrici. Hekk per ezempju dwar il-vettura GAK 426 il-konvenut qal: "Ghaliex ma ghandix is-survey jiena ma nistax nikkwantifika dan il-claim izda nikkalkula illi kien ilahhaq ma' Lm1,000." (fol. 33).*

*"v. Jidher li fil-perjodu li l-konvenut kien jinqeda bis-servizzi ta' Bonnici Insurance Limited, il-claims kienu jsiru maghha u meta tigi onorata l-claim kien jircievi l-hlas minghandha[4]. Xehed John Bonnici, direttur ta' din il-kumpannija, li qal: "Jien iccekjajt jekk hemmx claims dwar il-vetturi li jissemmew fl-affidavit ta' Mr Raymond Avallone li ntbaghat lili mill-avukat Thake. Nikkonferma li claims kien hemm. Kien hemm claims li kienu mhallsin u ohrajn maghluqin… Jiena nikkonferma li dwar il-vettura GAK 426, ara fol. 33, kien hemm claim pero l-file kien inghalaq.". Ix-xhud ma kienx jaf ir-raguni ghalfejn kien inghalaq.*

*"vi. Denise Condorato spjegat li l-claims li ghamel riferenza ghalihom il-konvenut, "m'ghandniex records taghhom.". Spjegat li Fenici Insurance Agency Limited[5] kienet agent tal-kumpannija attrici u li meta fl-2004 waqfet topera, intbaghatu l-files tal-claims li kienu ghadhom pendenti. Kompliet tghid li l-attrici kienet onorat il-claims li kienu ghadhom pendenti; "Il-claims huma kollha maghluqin. Xejn iktar mhu dovut lil nies li*

[3] *"Nikkonferma illi meta kien ikun hemm xi claim ezempju l-vettura tkun involuta f'incident tat-traffiku l-klijent kien jigi ghandna u jinfurmana. Ahna min-naha taghna konna ninfurmaw lill-agent. Illi dan min-naha tieghu kien jinkariga s-surveyor biex imur jara l-vettura fis-sens illi jhejji survey report li jkun jitratta dwar il-hsarat li jkollha l-vettura."*.

[4] Ara deposizzjoni ta' John Tortell (fol. 104). Denise Condorato spjegat li fir-rigward ta' Fenici Insurance Agency Limited, kienet tintuza l-istess procedura fis-sens li l-hlas lill-assigurat kien isir minn din il-kumpannija u mbaghad Middle Sea Insurance plc kienet thallas lill-agent.

[5] Skond l-affidavit tal-konvenut, il-claims li ghamel ma' Fenici Insurance Agency Limited kienu tnejn, fuq il-vettura BBI 990 u EEE 090.

*kienu assigurati maghna. L-istess dan ifisser li l-ebda hlas mhu dovut lil xi hadd li ghamel it-tiswijiet fuq il-vetturi." (fol. 70).*
*"vii. Fl-affidavit il-konvenut stess qal "[….] matul is-sena 2003-2004, sew ghaliex qghadt attent hafna jien u kif ukoll ghaliex kien hemm element ta' fortuna, dik is-sena kelli ftit habtiet u l-loss ratio tieghi kien tajjeb hafna. Biex anke inzomm milli naghmel claims, kont ghamilt diversi tiswijiet minghajr ma nikklejma ghalihom.".*
*"viii. Jirrizulta li fl-2004 l-attur kien qieghed jinqeda bis-servizzi ta' Assikura Insurance Brokers Ltd. Fatt konfermat fir-rendikont Dok. A li l-attrici pprezentat mar-rikors guramentat. Andrew Grech, managing director ta' din il-kumpannija, xehed: "[…] l-ewwel sena li hadem maghna Avallone kienet sena tajba, fis-sens li meta inti taghmel paragun mas-snin ta' qabel….. Jien kont naf li Avallone, kien ghamel sforz, fis-sens li jkun hemm certu hsarat fuq il-vetturi tieghu li ma jkunx dahhal claim fuqhom. Ikun qabad u sewwa hu." (fol. 71). Dikjarazzjoni li tnissel id-dubju kemm fil-verita' saru claims fir-rigward tal-vetturi li jissemmew f'paragrafi (vi)[6], (vii) u (viii) tal-affidavit tal-konvenut.*
*"ix. Id-difensur tal-konvenut argumenta li l-konvenut ressaq provi indipendenti u oggettivi ta' dak li qal fl-affidavit, biex juri li huwa kreditur tal-attrici. Il-qorti hi tal-fehma li l-unika prova hi l-affidavit tal-konvenut. Verzjoni li hi kontestata mill-attrici. Kien fl-interess tal-konvenut li bhala persuna li qeghda fin-negozju tizgura li fl-ufficcju jkollha sistema ta' record keeping. In-nuqqas ta' organizazzjoni li jidher li kellu f'dan ir-rigward, ma jfissirx li l-qorti ghandha taghlaq ghajnejha u taccetta l-verzjoni li ta. L-oneru tal-prova kien fuq il-konvenut sabiex juri li fir-realta' ghamel il-claims.*

*"F'dan ix-xenarju ta' incertezza l-qorti ma tistax tasal biex tikkonkludi li l-konvenut ta prova li sehhet tpacija ipso jure. Certament li wiehed ma jistax jitkellem li dak li qieghed jippretendi l-konvenut huwa kreditu cert, likwidu u dovut. Ghal dak li jikkoncerna tpacija gudizzjali, ma saret l-ebda kontro-talba.*";

3. B'Rikors tal-Appell imressaq fis-16 ta' Diċembru, 2013, l-appellant talab li din il-Qorti tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu u tiċħad it-talbiet ta' Mapfre bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha;

[6] Il-vettura HBA 929 hi wahda mill-vetturi li dwarha l-attrici qeghda titlob hlas ta' polza ta' assikurazzjoni.

4. Mapfre wieġbet għal-imsemmi appell b'Risposta mressqa minnha fis-7 ta' Jannar, 2014, u li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, qalet li din il-Qorti jmissha tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-5 ta' Frar, 2019;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża;

7. Rat li l-appell tħalla għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

8. Illi din hi kawża ta' ħlas ta' *premia* dovuti minn assikurat, bid-difiża tat-tpaċija mressqa mill-istess debitur. L-appellant jgħid li t-tpaċija trid issir "bħala konsegwenza ta' diversi *claims* magħmula mill-istess eċċipjent fuqu il-poloz ta' assikurazzjoni maħruġa lilu mis-soċjetà attriċi u kif ukoll bħala l-valur ta' xogħlijiet ta' riparazzjonijiet eżegwiti mill-eċċipjent" liema pretensjonijiet l-appellant wiegħed li kellu jiġborhom u jiddettaljahom mingħajr dewmien;

9. Illi l-**aggravji tal-appellant** mis-sentenza appellata jikkonsistu f'erba' (4) taqsimiet marbutin ilkoll flimkien. Fil-qosor, l-aggravji huma dawn: (a) li l-ewwel Qorti tefgħet fuqu l-piż li jipprova li kien tabilħaqq ressaq *claims* ma' Mapfre u jissostanzjahom; (b) li l-ewwel Qorti ma tatx każ biżżejjed tal-fatt li hu ma kienx f'qagħda li jressaq il-provi li riedet l-istess Qorti minħabba li d-dokumentazzjoni kienet tinsab għand kumpannija li kienet tmexxi f'ismu l-*claims* tiegħu ma' Mapfre u li, matul iż-żmien, kienet waqfet tinnegozja; (ċ) li l-operat tal-imsemmija kumpannija kien jinċidi fuq it-talbiet kollha li hu kien ressaq ma' Mapfre; u (d) li l-ewwel Qorti stenniet li jressaq aktar dokumentazzjoni milli assikurat kien mistenni li jżomm f'idejh biex jipprova l-każ tiegħu;

10. Illi, min-naħa tagħha, Mapfre twieġeb għal dawn l-aggravji billi tgħid li, safejn setgħet tifhem x'inhuma tassew l-aggravji tal-appellant, ma kien hemm xejn ħażin li l-ewwel Qorti tefgħet fuqu l-piż li jipprova dak li allega, ladarba għażel li jressaq id-difiża tat-tpaċija. Żiedet tgħid li wħud mill-aggravji tal-appellant jitolbu stħarriġ mill-ġdid tal-apprezzament tal-fatti magħmul mill-ewwel Qorti u dan ma għandux isir jekk kemm-il darba ma jkunx hemm raġunijiet serji u gravi biżżejjed biex din il-Qorti taqleb dak l-apprezzament. Tgħid

li, f'dan il-każ, ma hemm l-ebda raġuni bħal dik u l-ewwel Qorti fliet sewwa l-provi li tressqu quddiemha u fehmithom tajjeb. Għall-kuntrarju, ħareġ li xi xhieda mogħtija mill-appellant kienet kontradetta bid-dieher minn provi dokumentali mressqa matul is-smigħ tal-kawża w dan dgħajjef sewwa l-kredibilità tiegħu, kif innotat espressament l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. F'kull każ, qalet li d-difiża tat-tpaċija mqajma mill-appellant ma setgħet qatt tintlaqa' ladarba ma kienx f'qagħda li juri li l-"kreditu" pretiż minnu kien wieħed ċert u likwidu, kif titlob il-liġi;

11. Illi l-Qorti tqis li l-appellant laqa' għat-talba attriċi billi qajjem id-difiża li l-ammont mitlub kien għal kollox jew f'parti minnu "maqtul" bi pretensjonijiet ta' kreditu dovut lilu mill-kumpannija attriċi. Tqis ukoll li l-biċċa l-kbira mill-aggravji tal-appellant jistrieħu fuq il-fatti mressqa quddiem l-ewwel Qorti u l-apprezzament li sar minnha ta' dawk il-fatti;

12. Illi l-Qorti ttenni li meta jitqajjem quddiemha aggravju ta' appell li jolqot l-apprezzament tal-provi li jkun sar minn qorti tal-ewwel grad, hi tħares b'reqqa lejn l-istedina li tkun qiegħda ssirilha biex tagħmel il-valutazzjoni tagħha ta' dawk il-provi minflok dik tal-ewwel Qorti. Għalkemm din il-Qorti għandha tara u tifli dik il-valutazzjoni,

m'għandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm raġunijiet tabilħaqq serji biex tagħmel dan. Il-funzjoni ta' reviżjoni li trid tagħmel din il-Qorti ma jwasslux bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti bħallikieku ma sar xejn. Għall-kuntrarju, jekk jirriżulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti huwa wieħed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konklużjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sinteżi tar-raġunament mibni fuq dawk il-provi u t-tħaddim xieraq tal-liġi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik diskrezzjoni;

13. Illi kemm-il darba ngħad li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wieħed mhux raġonevoli jew mibni fuq il-fatti proċesswali[7]. Dan ma jfissirx li din il-Qorti tagħlaq għajnejha għal dak li jissemma fis-sentenza appellata – għaliex huwa minnha li wieħed jifhem x'apprezzament ikun sar mill-ewwel Qorti tal-fatti u l-provi mressqa quddiemha – u ma tħarisx hi wkoll lejn dawk il-provi u fatti li jagħmlu parti mill-atti tal-kawża. Meta tagħmel hekk, tkun

[7] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Aġius vs Piju Theuma***

qiegħda twettaq il-funzjoni tagħha ta' Qorti ta' reviżjoni bil-għan li tgħarbel jekk ir-raġunament tal-ewwel qorti jirriżultax bħala wieħed raġonevoli u mistħoqq, u mhux biex tara li ssib xiħaġa li biha tipprova twaqqa' dak ir-raġunament. B'mod partikolari, "*Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce, qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[8];

14. Illi din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti ma kellhiex wisq provi x'tgħarbel. Minħabba n-natura tad-difiża mqajma mill-appellant, joħroġ ukoll li dawk il-provi kienu l-aktar jinteressaw dik id-difiża, aktar mill-prova tal-kreditu mitlub kontra l-appellant. Meta din il-Qorti

---

[8] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar vs L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et***

reġgħet qieset dawk il-provi, waslet għall-fehma li l-ewwel Qorti wettqet eżerċizzju mirqum u għaqli tal-provi mressqa. Din il-Qorti ma tistax ma tqisx li jekk l-ewwel Qorti waslet għall-fehma li ma setgħetx tilqa' l-pożizzjoni tal-appellant, qalet hekk għaliex kienet taħseb hekk, u dak li qalet joħroġ mill-atti nfushom tal-kawża. Kif tajjeb issottomettiet ukoll Mapfre, ma kienx ta' għajnuna għall-każ tal-appellant li, fir-rigward ta' parti mill-pretensjonijiet tiegħu, tressqet prova dokumentali li twaqqa' wħud minn tali pretensjonijiet;

15. Illi safejn l-aggravju tal-appellant jinbena fuq il-fatt li l-ewwel Qorti stenniet lilu jipprova dak li jallega, din il-Qorti ma taqbilx miegħu li ntefa' fuqu piż akbar biex jipprova ħwejjeġ li messha ippruvathom Mapfre. Jerġa' jingħad, li l-appellant għażel li jqajjem u jillimita ruħu għad-difiża tat-tpaċija u li, għall-azzjoni ewlenija ta' Mapfre, ma ressaq l-ebda azzjoni rikonvenzjonali;

16. Illi ladarba l-appellant ressaq dik id-difiża, ma setax ma jistenniex li kien jaqa' fuqu l-piż li jipprova l-krediti li huwa kien igawdi kontra Mapfre u li, bis-saħħa tagħhom, kien jista' jitfi l-kreditu li kellha kontrih. Kienet għalhekk għaqlija l-ewwel Qorti li fl-ewwel smigħ

effettiv tal-kawża[9] ordnat li jkun hemm qlib fl-ordni li jitressqu l-provi, u wieħed jista' jgħid li ż-żmien kollu tal-kawża fl-ewwel istanza ttieħed mit-tressiq tal-provi min-naħa tal-appellant. Irid jingħad ukoll li, f'verbal ieħor li sar quddiem l-ewwel Qorti[10], l-appellant kien iddikjara li ma kellux dokumenti x'iressaq bi prova favurih;

17. Illi, lil hinn minn dan, il-Qorti tqis li t-tpaċija, meta tiġi eċċepita, tammonta għal stqarrija ta' għarfien tal-obbligazzjoni li kontra tagħha t-tpaċija ssir. Kemm hu hekk, ingħad li t-tpaċija hija ammissjoni tal-obbligazzjoni kuntrarja[11] u twaqqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Minbarra dan, meta parti f'kawża tressaq id-difiża tat-tpaċija, jaqa' fuqha l-piż li tipprova l-kreditu maħsub li joqtol il-kreditu tal-parti attriċi, bħalma jiġri meta l-parti mħarrka teċepixxi l-ħlas;

18. Illi t-tpaċija hija meqjusa mil-liġi bħala waħda mill-modi kif tispiċċa obbligazzjoni[12]. It-tpaċija sseħħ meta tnejn min-nies ikunu debituri lejn xulxin[13], u sseħħ bis-saħħa tal-liġi nnifisha wkoll jekk mingħajr l-għarfien tad-debituri nfushom, b'mod li hekk kif ikunu jeżistu **żewġt idjun fi żmien wieħed** joqtlu 'l xulxin safejn ikunu

[9] Ara d-degriet fil-verbal tas-smigħ tat-13.11.2008, f'paġ. 15 tal-proċess
[10] Verbal tal-5.5.2010, f'paġ. 19 tal-proċess
[11] P.A. **3.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri et vs Vella*** (Kollez. Vol: **LXXVII.iii.128**)
[12] Art. 1145(d) tal-Kap 16
[13] Art. 1196(1) tal-Kap 16

ndaqs[14]. Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh li, fit-tpaċija, "*i debiti si estinguono non dal giorno della sentenza e per effetto di questa, ma dal momento della loro coesistenza (ex tunc), automaticamente, per effetto della legge...*"[15];

19. Illi t-tpaċija tista' titqies bħala ħlas reċiproku li jitfi ż-żewġ obbligazzjonijiet (jekk ikunu ndaqs) fl-istess waqt[16]. Jekk kreditu wieħed ikun akbar mill-ieħor, it-tpaċija sseħħ sal-ammont tal-anqas wieħed u l-obbligazzjoni tibqa' skond kemm l-akbar kreditu jkun jisboq 'il dak li jkun iċken;

20. Illi l-liġi tagħna tagħraf żewġ għamliet ta' tpaċija: dik *ex lege* u dik konvenzjonali, li ma toqgħodx għar-regoli tal-ewwel forma, imma tiddependi biss mir-rieda tal-partijiet li jiftehmuha[17]. Biex tista' sseħħ it-tpaċija legali jeħtieġ jintwera li (a) jkun hemm żewġ djun fl-istess waqt (ukoll jekk mhux tal-istess qies jew valur), (b) li jirreferu għal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reċiprokament ta' xulxin, (ċ) li jkunu omoġenji (jiġifieri, jkollhom bħala oġġett il-ħlas ta' flus jew ħaġa oħra funġibbli); (d) li jkunu likwidi jew jistgħu jkunu likwidati bla

[14] Art. 1196(2) tal-Kap 16
[15] Torrente Manuale di Diritto Privato, (9ª Ediz.), par 246, paġ. 415
[16] Caruana-Galizia *Notes on Civil Law : Obligations*, paġ. 365
[17] Kumm.**26.11.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Merċieca noe vs Debono noe et*** (Kollez. Vol: **LXVIII.iv.235)**

taħbit kbir u jkunu ċerti wkoll f'dik li hija kwantità; u (e) li d-djun ikunu dovuti jew jistgħu jintalbu[18];

21. Illi fir-rigward tad-djun li joqtlu 'l xulxin, id-duttrina tisħaq li biex isseħħ it-tpaċija jeħtieġ li tintwera "*l'autonomia dei contrapposti rapporti di credito*". Għalhekk il-liġi trid li jkun hemm żewġt idjun separati, u mhux rapport wieħed li minnu jitnisslu pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet. Kemm hu hekk, ingħad b'awtorità interpretativa li "*La compensazione suppone l'autonomia dei rapporti ai quali i debiti delle parti si riferiscono, con la conseguenza che, quando si tratti invece di un unico rapporto, o di rapporti accessori, la controversia si traduce in un accertamento di dare e avere, e cioé in una sorta di complesso conteggio, a proposito del quale non puo' parlarsi di compensazione in senso tecnico*"[19];

22. Illi meta l-Qorti tqis iċ-ċirkostanzi fattwali tal-każ li għandha quddiemha fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' dritt li għadhom kemm issemmew, issib li jonqsu bosta mill-elementi mitluba mil-liġi biex jirriżulta li tassew seħħet it-tpaċija bejn il-kreditu ta' Mapfre u xi pretensjonijiet li ressaq l-appellant. Ta' min jgħid ukoll li l-appellant

[18] Art 1197 tal-Kap 16
[19] Pescatore e Ruperto Codice Civile Annotato , paġ. 1164

innifsu, fil-bidu tal-kawża, lanqas kien ċar jekk it-tpaċija li semma kinitx titfi l-kreditu kollu ta' Mapfre jew inkella biċċa minnu biss. Minħabba f'hekk, l-appellant naqas milli jwettaq kif mistenni l-piż li jipprova l-kreditu ċert u likwidu vantat minnu kontra Mapfre u kif ukoll li tassew kellu xi kreditu. Meta jixhed li "*fdajt lil MSI .. .. spiss mingħajr ma nżomm kopji għalija jew ma nżommx kopji f'postijiet fejn insibhom .. .. .. jiena tlaqt id-diversi 'claims' tiegħi u ma bqajtx nissikka għall-ħlas*"[20], il-Qorti tifhem għaliex ma tistax tlum lill-ewwel Qorti meta waslet għall-konklużjoni li ma toqgħodx fuq l-appellant;

23. Illi din l-aħħar osservazzjoni tindirizza wkoll iż-żewġ aggravji l-oħrajn tal-appellant dwar xi provi kien mistenni jressaq biex isostni d-difiża tiegħu. Ladarba huwa naqas li jżomm dokumentazzjoni u provi li setgħu jsejsu l-pretensjoni tiegħu, ma jistax jilminta li ma kienx f'qagħda li jipprova dak li allega. F'dan il-każ, ir-regola *in excipiedo fit actor* tgħodd daqs l-oħra li tgħid *actore non probante reus absolvit*;

[20] Xhieda tiegħu f'paġ. 34 tal-proċess

24. Illi għalhekk il-Qorti ssib li l-ebda waħda mill-aggravji mqajma mill-appellant mis-sentenza appellata ma hija mistħoqqa u għalhekk ma seħħlux jagħtiha raġunijiet biex tilqa' l-appell tiegħu;

**Decide:**

25. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tiċħad l-appell** tal-intimat mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Novembru, 2013, fil-kawża fl-ismijiet premessi u b'hekk tikkonfermaha għal kollox; u

**Tordna** li l-intimat appellant iħallas l-**ispejjeż** tal-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr